# NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 79 – L-ERBGĦA 21 TA' NOVEMBRU 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:50

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi-Sindku |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Joe Spiteri | Kunsillier (wasal 17.55) |
| Skużati | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet*.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li l-Kunsillieri Brincat u Spiteri kien se jaslu tard u l-Kunsillier Galea ma setax jattendi.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Ġew imressqa l-minuti tal-laqgħat numru 78.

2.2. Il-Minuti kienu approvati wara rakkomandazzjoni mill-Kunsillier Sciberras, sekondat mill-Kunsillier Cuomo.

2.3. *Arising* minn punt 2.3, il-Kunsillier Cuomo flimkien mas-Sindku infurmaw li kellhom laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet dwar Ġnien Santa Marija tal-Anġli, fejn dawn infurmawhom li kienu se jirranġaw dak li hemm bżonn u jibda jgħaddi parti parti f'idejn il-Kunsill Lokali.

2.4. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Spiteri.

2.5. *Arising* minn punt 3.3, is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Agius x'għamel fuq ix-xogħol delegat lilu. Huwa informa li bagħat diversi emails lill-entitajiet konċernati iżda għadu bla risposta. Huwa kien mitlub biex dejjem jikkopja l-uffiċċju tal-Kunsill.

2.6. *Arising* minn punt 3.6, is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivtà tal-Halloween kienet ta' suċċess. Id-donazzjonijiet minn din l-attività se jmorru Beating Hearts.

2.7. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni għal para. 6.1 fejn appellat biex il-konferenza stampa ssir kemm jista' jkun malajr.

### 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku infurmat li dak inhar stess filgħodu, flimkien mas-SE kellhom laqgħa ma' uffiċċjali mill-Posta li fiha dawn talbu li jinstallaw *lockers* fid-daħla tal-binja u jkunu jridu jħallu l-bieb ta' barra miftuħ. Biex jagħmlu dan huma lesti li jinstallaw bieb tal-ħġieġ flimkien ma security camera fid-daħla tal-bini tal-Kunsill. Min-naħa tas-Sindku u tas-SE qablu ma' din il-proposta. Fl-istess laqgħa ssemmiet il-kaxxa tal-posta (li tintuża biss mill-pustieri) fi Vjal il-21 ta' Settembru faċċata tal-Kunsill minħabba li naqqset l-aċċessibilità. Kien hemm qbil li din il-kaxxa titneħħa u tkun installata fejn illum hemm il-bin tal-ħwejjeġ.Il-Posta infurmawhom li din se titneħħa u titpoġġa post ieħor. Il-Kunsill approva.

3.2. Fl-24 ta' Ottubru saret l-inawgurazzjoni tas-servizz Point2Point li għaliha kien hemm il-preżenza tal-President tar-Repubblika, is-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis, il-Membru Parlamentari Robert Cutajar. Min-naħa tal-Kunsill kien hemm preżenti s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillieri Gatt, Brincat Cuomo u l-membru tal-Kumitat Amministrattiv E. Muscat u uffiċjali tal-Kunsill.

3.3. Fl-istess ġurnata sid il-ħanut Verve ħawwlet siġra fil-ġardina fejn il-monument tal-Millenju biex tfakkar lil "Ċensu tas-Sigarru".

3.4. Fis-27 ta' Ottubru saret il-Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-Lukanda Dolment u li għaliha attendew is-Sindku, il-Kunsillieri Cuomo, Gatt u Brincat flimkien mas-SE li kien qiegħed jattendi fil-kapaċità ta' President ta' ANSEK. Hija appellat biex meta l-Kunsillieri jikkonfermaw, għandhom jattendu għaliex inkella l-Kunsill ikun qiegħed iħallas flus għal xejn. Infatti Kunsillier kien ikkonferma, sar il-ħlas u m'attendiex.

3.5. Fid-29 ta' Ottubru saret laqgħa mas-Sur Luke Genius minn TM u s-CEO tal-kumpanija Car to Go fejn għaliha attendew is-Sindku, is-SE, il-Kunsillieri Cuomo, Aguis, Gatt u Sciberras. Huma ddiskutew il-proposta tal-allokazzjoni tal-parkeġġi għal din il-kumpanija minn TM u kif din se tolqot lin-Naxxar. Kif ngħatat l-ispjegazzjoni ftit li xejn il-Kunsill kellu minn fejn ibiddel minn din id-deċiżjoni.

3.6. Fl-14 ta' Novembru is-Sindku u s-SE attendew laqgħa ta' informazzjoni dwar l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli kollha ħadu żieda fl-allokazzjoni ta' 5.4%.

3.7. Fl-20 ta' Novembru is-Sindku u SE attendew għall-għotja ta' fondi għal-libreriji pubbliċi. Il-Kunsill se jibbenefika minn EUR 400.

3.8. Is-Sindku infurmat li għandhom jiġu installati bus shelters fejn il-Valyou Supermarket u quddiem il-Mitħna fi Triq Leli Falzon. Il-Kunsillier Gatt attenda għal-laqgħa dwar dan fl-AKL. Fil-laqgħa ġew diskussa l-importanza li l-applikazzjonijiet jiġu mimlijin sew, li l-Kunsill jista' juża s-servizz tal-perit tas-supplier u li biex jiġi installat *shelter* irid ikun hemm minimu ta' 3.4m spazju. Transport Malta ssuġġerew li f'ċerta postjiet jinstallaw *bus shelters walk through*. Il-Kumpanjia Faces m'għandiex minn dawn it-tip ta' shelters u ma' taqbilx ma dawn minħabba x-xita.

3.9. Is-Sindku infurmat li bejn il-31 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru kien hawn delegazzjonijiet minn erba' pajjiżi dwar il-proġett Solidarity4Heritage. Hija rringarzzjat lis-SE, l-istaff u lill-Kunsillieri Cuomo u Sciberras u lill-Kunsill kollu għaliex din kienet ta' suċċess.

3.10. Is-SE informa lill-Kunsill li l-amministrazzjoni naqqset drastikament l-istampar fuq karti għal filing u minnflok dan qed isir b' mod diġitali. Permezz ta' dan il-Kunsill se jkun qed jiffranka madwar Eur2,000 fis-sena f'karti u stampar biss, minbarra il-ħin u l-ispazju.

3.11. Is-SE fakkar fl-islogan suġġerit lill-Kunsillieri għaliex ma kienx hemm konferma dwar liema wieħed se jkun addottat. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jaddotta l-islogan "Għax int tiġi l-ewwel."

3.12. Is-Sindku infurmat li dak inhar filgħodu kienu introdotti iBins għall-użu tal-bring in sites.

3.13. Is-Sindku infurmat li dak inhar stess kienet waslet email mingħand il-Kumitat Festi Esterni jitolbu lill-Kunsill jieħu pożizzjoni dwar in-nar fil-Pjazza minħabba li xtaqu li ma jibqax jinħaraq aktar nar fil-Pjazza minħabba r-restawr tal-Pjazza. Minħabba li l-Kunsillieri ma kellhomx ħin jaraw l-email, kien hemm qbil li din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

3.14. Is-SE informa li għandhom jintbagħtu inviti lill-Kunsillieri kollha mis-Segretarjat Parlamentari għal-Gvern Lokali għal attivitajiet li se jsiru biex jikkommemoraw il-25 Anniversarju tal-Kunsilli Lokali.

3.15. Is-SE fakkar li fl-20 ta' Diċembru se jkun hemm riċeviment tal-AKL.

3.16. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li dwar il-cat kennels dawn se jkunu sponsorjati mill-ħanut ZOO Mangi wara li kkuntattjatu hi u għandhom jitpoġġew il-ġimgħa d-dieħla.

## 4. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

4.1. Ġew ippreżentati r-rapporti finanzjarji (skedi ta' pagamenti, dħul, infiq u petty cash).

4.2. Dawn kienu approvati wara proposta mill-Kunsillier Gatt u ssekondata mill-Kunsillier Agius.

4.3. Dawn ir-rapport huma anness f'A.

4.4. **Proposta għal xiri ta' garaxx** – Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Kunsillier Agius, il-Kunsill qabel li jibda l-proċess biex jixtri garaxx minħabba nuqqas kbir ta' spazju għall-ħażna ta' materjal, għodda eċċ. Dwar dan għandu jkun ippubblikat avviż fil-lokalità wara li jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet.

4.5. **Proposta għal titjib fis-setup tal-uffiċċju** - Is-SE informa li hemm problema ta' nuqqas ta' spazju fl-uffiċċju u li qed ixekkel mill-ħidma tal-back office (inkluż storbju żejjed). Huwa informa li hemm il-ħtieġa ta' miżuri b'urġenza biex jitnaqqas l-istorbju. Huwa informa wkoll fil-possibiltà li jimmodifika l-uffiċċju tiegħu biex tiddaħħal skrivanija oħra. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

4.6. Is-Sindku ressqet proposta biex jiġi kkunsidrat sular ieħor fuq dak eżistenti. Is-SE informa li kien tkellem mal-perit dwar modifikazzjoni tal-binja. Issekondaw il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gatt. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.7. **Reklamar -** Il-Kunsill qabel li jsiru riklami fuq il-kalendarji tal-każin tal-futboll u tal-Knisja.

4.8. **Sistema ta' Bulky Refuse -** Is-SE informa li s-sistema preżenti mhijiex effiċċjenti u faċli titħassar. Għalhekk qed jikkuntattja IT Officer biex tinxtara sistema ġdida.

4.9. **Spejjeż relatati mal-Milied –** Il-Kunsill approva infiq ta' spejjeż relatati mal-mixgħela uffiċjali tal-Milied, spejjeż ta' dwal u wkoll spejjeż fuq l-attività tal-Milied.

### *5.* RAPPORT FINANZJARJU TAT-TIELET KWART

5.1. Ġie ppreżentat ir-rapport finanzjaru tat-tielet kwart tas-sena.

5.2. Dawn kienu approvat wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Sciberras.

### *6.* RAPPORT MILL-KUMITAT AMINISTRATTIV TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

6.1. Il-Kunsillier Cuomo tkellmet dwar il-bżonn li jitneħħew il-bring in sites minn Baħar iċ-Ċagħaq. Minnflok jitpoġġew Smart Bins f'sit wieħed. Dan għaliex qed ikun hemm ħafna boroż suwed madwarhom.

6.2. Hija infurmat li dakinhar filgħodu ma nġabrux il-boroż tal-iskart orgnaniku minn Baħar iċ-Ċagħaq.

### *7.* 25 SENA ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF TAL-KUNSILL LOKALI

7.1. Is-Sindku talbet għall-ideat tal-Kunsill dwar attivitajiet li jistgħu isiru f' għeluq il-25 anniversarju tal-Kunsill Lokali Naxxar.  Dawn biex jiġu diskussa fil-laqgħa li jmiss.

7.2. Il-Kunsillier Gatt talab għal dettalji dwar il-budget. Is-SE informa li dan se jkun inkluż mal-budget tas-sena d-dieħla skont id-deċiżjonijiet li jieħdu.

7.3. Il-Kunsillier Gatt ippropona li jsir sottokumitat. Is-SE informa li ftit li xejn hemm żmien għal dan u aħjar jekk jiġu diskussi permezz tal-emails.

7.4. Is-Sindku ppropioniet li jsir riċeviment għal-NGOs, dipartimenti li naħdmu magħhom u eks Kunsilliera eċċ.

7.5. Id-data għadha mhux iffisata.

### *8.* L-UFFIĊINI TAL-KUNSILL

8.1. Is-SE informa li hemm problema ta' storbju fl-uffiċċju tal-back office. Huwa qal li se jittieħdu miżuri ta' urġenza biex jitnaqqas l-istorbju.

8.2. Huwa informa wkoll li se jimmodifika l-uffiċċju tiegħu biex tiddaħħal skrivanija oħra.

8.3. Il-Kunsillier Gatt ressaq proposta biex jiġi diskuss sular ieħor fuq dak eżistenti.

8.4. Is-SE informa li kien tkellem mal-perit dwar modifikazzjoni tal-binja.

8.5. Is-Sindku proponiet li ssir tali modifikazzjoni. Ssekondaw il-Viċi Sundku u l-Kunsillier Gatt.

### *9.* OUTDOOR GYM F'SAN PAWL TAT-TARĠA

9.1. Is-Sindku ppreżentat il-pjanti mħejjija mill-Perit tal-Kunsill biex isir outdoor gym fi Triq V Boron.  Hija ppropioniet li l-Kunsill jibda l-proċess ta' konsultazzjoni mar-residenti billi titwaħħal tabella. Issekonda l-Kunsillier Gatt. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.2. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sciberreas talbu li jkunu skużati mill-kumplament tal-laqgħa. Il-Ħin kien 19.25.

**10. TISBIEĦ FI TRIQ SAN MARK**

10.1. Is-Sindku ppreżentat il-pjanti mħejjija mill-Perit tal-Kunsill biex isir tisbieħ fi Triq San Mark, Birguma. Il-Kunsillier Spiteri ssuġerixxa li jiżdied il-parkeġġ.

10.2. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess ta' konsultazzjoni mar-residenti billi titwaħħal tabella imbagħad jirranġa skont il-kummenti tal-pubbliku.

**11. GĦOTI TA' OFFERTI**

11.1. Is-SE ppreżenta l-lista ta' sejħiet tal-offerti li nħarġu s'issa. Huwa talab lill-Kunsill jinnutaw kemm sar xogħol fuq dawn l-offerti. Infatti ħa l-opportunità jirringrazzja lill-Uffiċċjal inkarigat tal-impenn tagħha fuq ix-xogħol tal-offerti.

11.2. Is-SE informa li l-Kunsill ta żewġ offerti (tat-tindif u tal-ġbir ta' skart) li importanti li l-Kunsill juri xi standards qed jitlob. Il-Kunsill għalhekk qabel li jorganizza konferenza stampa dwar dan.

11.3. Is-SE talab għal koperazzjoni tal-Kunsilliera fl-aġġudikazzjoni tal-offerti.

**12. ĠIEĦ IN-NAXXAR**

12.1. Iċ-Ċerimonja se ssir nhar il-11 ta' Diċembru ġewwa Villa Arrigo. Il-post ġie offrut b'xejn. Il-Kunsill se jħallas biss għal ikel u x-xorb.

12.2. Min se jattendi se jkollu biljett tad-dħul. Lill-Kunsillieri se jintbgħatilhom invit u żewġ biljetti.

12.3. Il-Preżentaturi se jkunu Joanne Busuttil u Tonio Vella.

12.4. Il-Kunsill iddiskutanumru ta' persuni li jistgħu ikunu nominati għal Ġieħ in-Naxxar u għotjiet oħra. Wara diskussjoni u konsiderazzjonijiet fid-dettall, il-Kunsill unanimament qabel li Ġieħ in-Naxxar għandu jingħata lil Luciano Micallef. Dan fuq mozzjoni tal-Kunsillier Gatt u sekondat mill-Kunsillier Agius.

12.5. Kien hemm qbil ukoll dwar l-ismijiet l-oħra għall-għoti tal-unuri u kien hemm qbil ukoll li min ikollu suġġerimenti oħra jgħaddihom permezz tal-email.

**13. ATTIVITAJIET**

13.1. il-Kunsill qabel mal-lista t' attivitajiet ppreżentata mis-SE u mibgħuta permezz ta' email qabel.

**TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

13.2. Il-laqgħa intemmet fis-20.30 mingħajr ma l-Kunsill laħaq iddeċieda fuq data għal-laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |